

Emenda 17

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Josu Juaristi Abaunz, Nikolaos Chountis, Jiří Maštálka, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
fisem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

– wara li kkunsidra *l-involviment Russu* fis-Sirja, *inkluż l-appoġġ tal-użu ta' armi kimiċi min-naħa tal-armata Sirjana*, li *jkompli jiddestabilizza l-pajjiż u jżid l-għadd ta' rifuġjati* li qed ifittxu protezzjoni fit-Turkija u fl-UE,

– wara li kkunsidra *s-sitwazzjoni destabilizzata* fis-Sirja, li *żżid l-għadd ta' rifuġjati* li qed ifittxu protezzjoni fit-Turkija u fl-UE,

Or. en

Emenda 18

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Josu Juaristi Abaunz, Nikolaos Chountis, Jiří Maštálka, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**Kati Piri**

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

A8-0234/2017

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 13***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni li kontinwament sejra għall-aghhar fix-Xlokk tat-Turkija, b'mod partikolari fiż-żoni fejn ġew imposti curfews, intużat forza eċċessiva u ġie applikat kastig kollettiv għall-abitanti kollha, u fejn madwar 2 000 persuna ġew irrappurtati maqtula fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' sigurtà u madwar nofs miljun persuna ġew spostati fil-perjodu li jibda minn Lulju 2015 sa Diċembru 2016; jinnota li l-prosekuturi lokali rrifjutaw b'mod konsistenti li jifthū investigazzjonijiet dwar il-każijiet ta' qtil rappurtati u li l-osservaturi indipendenti ġie miċħud lilhom l-aċċess għaż-żona; ifakkar li l-Gvern Tork għandu responsabilità li jipproteġi liċ-ċittadini kollha tiegħu, irrISPettivament mill-orġini kulturali jew reliġjuża tagħhom u mit-twemmin tagħhom; jiddeplora l-prattika mifruxa ta' esproprijazzjoni, fosthom ta' proprjetajiet li jappartjenu lill-muniċipalitajiet kif ukoll proprjetajiet li jappartjenu lill-knisja, li hu ksur tad-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi; jinsab konvint li hija biss soluzzjoni politika ġusta tal-kwistjoni Kurda li tista'

Emenda

13. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni li kontinwament sejra għall-aghhar fix-Xlokk tat-Turkija, b'mod partikolari fiż-żoni fejn ġew imposti curfews, intużat forza eċċessiva u ġie applikat kastig kollettiv għall-abitanti kollha, u fejn madwar 2 000 persuna ġew irrappurtati maqtula fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' sigurtà u madwar nofs miljun persuna ġew spostati fil-perjodu li jibda minn Lulju 2015 sa Diċembru 2016; ***jikkundanna l-qerda totali tal-belt ta' Sur u ta' bliet oħrajn iżgħar fix-xlokk tat-Turkija***; jinnota li l-prosekuturi lokali rrifjutaw b'mod konsistenti li jifthū investigazzjonijiet dwar il-każijiet ta' qtil rappurtati u li l-osservaturi indipendenti ġie miċħud lilhom l-aċċess għaż-żona; ifakkar li l-Gvern Tork għandu responsabilità li jipproteġi liċ-ċittadini kollha tiegħu, irrISPettivament mill-orġini kulturali jew reliġjuża tagħhom u mit-twemmin tagħhom; jiddeplora l-prattika mifruxa ta' esproprijazzjoni, fosthom ta' proprjetajiet li jappartjenu lill-muniċipalitajiet kif ukoll proprjetajiet li jappartjenu lill-knisja, li hu ksur tad-drittijiet tal-minoranzi reliġjużi;

ġgħib stabbiltà u prosperità sostenibbli, kemm għaż-żona kif ukoll għat-Turkija kollha kemm hi, u għaldaqstant jitlob liż-żewġ naħat immorru lura mal-mejda tan-negozjati; jinnota li sensiela ta' liġijiet, li jinkludu l-Liġi Nru 6722 dwar il-protezzjoni legali tal-forzi tas-sigurtà li jipparteċipaw fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet terroristiċi adottata fl-2016, ħolqu atmosfera ta' "impunità sistematika" għall-forzi tas-sigurtà;

jinsab konvint li hija biss soluzzjoni politika ġusta tal-kwistjoni Kurda li tista' ġgħib stabbiltà u prosperità sostenibbli, kemm għaż-żona kif ukoll għat-Turkija kollha kemm hi, u għaldaqstant jitlob liż-żewġ naħat immorru lura mal-mejda tan-negozjati; jinnota li sensiela ta' liġijiet, li jinkludu l-Liġi Nru 6722 dwar il-protezzjoni legali tal-forzi tas-sigurtà li jipparteċipaw fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet terroristiċi adottata fl-2016, ħolqu atmosfera ta' "impunità sistematika" għall-forzi tas-sigurtà;

Or. en

Emenda 19

Takis Hadjigeorgiou, Sofia Sakorafa, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Josu Juaristi Abaunz, Nikolaos Chountis, Jiří Maštálka, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**Kati Piri**

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308 (INI)

A8-0234/2017

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Jistieden lill-Gvern Tork jirrispetta u jimplimenta għalkollox l-obbligi legali li impenja ruħu għalihom fir-rigward il-protezzjoni tal-wirt kulturali u, b'mod partikolari, biex ifassal, in buona fede, inventarju integrat tal-wirt kulturali Grieg, Armen, Assirjan u wirt kulturali oħra li safa meqrud jew ħerba tul is-seklu li għadda; jistieden lit-Turkija tirratifika l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali; jistieden lit-Turkija tikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, fil-prevenzjoni u l-għieda kontra t-traffikar illeċitu u l-qerda intenzjonata tal-wirt kulturali;

Emenda

18. Jistieden lill-Gvern Tork jirrispetta u jimplimenta għalkollox l-obbligi legali li impenja ruħu għalihom fir-rigward il-protezzjoni tal-wirt kulturali u, b'mod partikolari, biex ifassal, in buona fede, inventarju integrat tal-wirt kulturali Grieg, Armen, Assirjan u wirt kulturali oħra li safa meqrud jew ħerba tul is-seklu li għadda; ***jappella lill-awtoritajiet Torok jirrispettaw bis-sħiħ in-natura storika u kulturali tal-monumenti u s-simboli kulturali u reliġjużi, speċjalment dawk li ġew ikklassifikati bħala siti ta' patrimonju dinji tal-UNESCO, u biex iżommu lura minn kull azzjoni li għandha l-għan li tibdel in-natura storika u reliġjuża tagħhom; jiddeplora il-prattiki ripetuti, diviżivi u provokattivi li għandhom l-għan li jibdlu n-natura storika, kulturali u reliġjuża tas-sit ta' patrimonju tal-UNESCO, il-Hagia Sophia, u li jbiddu dan il-post f'moskea permezz ta' qari mill-Koran u permezz taż-żamma ta' talb;*** jistieden lit-Turkija tirratifika l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;

jistieden lit-Turkija tikkoopera ma'
organizzazzjonijiet internazzjonali
rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill tal-
Ewropa, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-
traffikar illeċitu u l-qerda intenzjonata tal-
wirt kulturali;

Or. en

28.6.2017

A8-0234/20

Emenda 20

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Josu Juaristi Abaunz, Nikolaos Chountis, Jiří Maštálka, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

21. Jistieden lit-Turkija tkompli tallinja l-politika barranija tagħha ma' dik tal-UE; jitlob għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u għal koordinazzjoni tal-isfidi tal-politika barranija bejn l-UE u t-Turkija; huwa tal-opinjoni li l-Ministru tal-Affarijiet Barranin Tork għandu jkun mistieden jattendi laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Barranin fuq bażi ta' każ b'każ kull meta jkun rilevanti; jirrakkomanda li l-Kunsill jistieden b'urġenza lill-Gvern Tork għal summit biex jiġu diskussi r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija;

imħassar

Or. en

Emenda 21

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Josu Juaristi Abaunz, Nikolaos Chountis, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

22. **Jemmen li t-tisħiħ tar-relazzjonijiet kummerċjali jista' jirriżulta f'benefiċċji konkreti għaċ-ċittadini fit-Turkija u l-UE, u għaldaqstant, fid-dawl tan-nuqqasijiet attwali tal-Unjoni Doganali, jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li jingħata bidu għal negozjati dwar it-titjib tal-Unjoni Doganali;** itenni li l-UE hija s-sieħba kummerċjali ewlenija tat-Turkija u li żewġ terzi tal-Investment Dirett Barrani (IDB) fit-Turkija ġejjin minn Stati Membri tal-UE; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ekonomika tat-Turkija bħala suq ta' tkabbir għall-UE; iqis l-involviment tas-sħab soċjali fin-negozjati bħala kruċjali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali **fil-Unjoni** Doganali aġġornata bejn it-Turkija u l-UE, li tagħmel id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kundizzjonalità ewlenija; **ifakkar li l-Unjoni Doganali tista' biss tilħaq il-potenzjal kollu tagħha meta t-Turkija timplimenta għalkollox il-Protokoll Addizzjonali fir-rigward tal-Istati Membri kollha;** jinnota l-

22. **Ifakkar li n-negozjati għall-aġġornament tal-Unjoni Doganali jistgħu jibdwew biss meta t-Turkija timplimenta bis-sħiħ l-obbligi kollha tagħha li jinsiltu mill-Unjoni Doganali eżistenti; jenfasizza li t-Turkija kompliet ma tiftaħx il-portijiet Torok għall-bastimenti Ċiprijotti u naqset milli tapplika għal Ċipru l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Ankara;** itenni li l-UE hija s-sieħba kummerċjali ewlenija tat-Turkija u li żewġ terzi tal-Investment Dirett Barrani (IDB) fit-Turkija ġejjin minn Stati Membri tal-UE; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ekonomika tat-Turkija bħala suq ta' tkabbir għall-UE; iqis l-involviment tas-sħab soċjali fin-negozjati bħala kruċjali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali **fil-każ ta' Unjoni** Doganali aġġornata bejn it-Turkija u l-UE, li tagħmel id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kundizzjonalità ewlenija; jinnota l-konklużjoni tal-Kummissjoni li tista' tiġi stimulata aktar integrazzjoni kummerċjali mal-UE jekk it-Turkija telimina l-ostakoli għall-

konklużjoni tal-Kummissjoni li tista' tiġi
stimulata aktar integrazzjoni kummerċjali
mal-UE jekk it-Turkija telimina l-ostakoli
għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali;

funzjonament tal-Unjoni Doganali;

Or. en

Emenda 22

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Nikolaos Chountis, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**Kati Piri**

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

A8-0234/2017

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

23. Jinnota li l-liberalizzazzjoni tal-viża hija ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Torok, b'mod partikolari għan-negozjanti u għall-persuni ta' oriġini Torka fl-UE, u ser issaħħaħ il-kuntatti bejn in-nies; ***ihēgēg lill-Gvern Tork jikkonforma għalkollox mal-kriterji pendenti finali, kif identifikati fil-pjan direzzjonali tal-liberalizzazzjoni tal-viża***; jenfasizza li reviżjoni tal-leġislazzjoni kontra t-terroriżmu hija kundizzjoni ewlenija biex jiġu żgurati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li l-liberalizzazzjoni tal-viża se tkun possibbli biss ladarba l-kriterji kollha jkunu ġew issodisfati;

Emenda

23. Jinnota li l-liberalizzazzjoni tal-viża hija ta' importanza kbira għaċ-ċittadini Torok, b'mod partikolari għan-negozjanti u għall-persuni ta' oriġini Torka fl-UE, u ser issaħħaħ il-kuntatti bejn in-nies; jenfasizza li reviżjoni tal-leġislazzjoni kontra t-terroriżmu hija kundizzjoni ewlenija biex jiġu żgurati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u li l-liberalizzazzjoni tal-viża se tkun possibbli biss ladarba l-kriterji kollha jkunu ġew issodisfati; ***jenfasizza li l-liberalizzazzjoni tal-viża tipproċedi biss darba li t-Turkija twettaq bis-sħiħ u b'mod non-diskriminatorju, il-kriterji kollha elenkati fil-pjan direzzjonali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża, u twettaq bis-sħiħ l-obbligi kollha tagħha lejn l-Istati Membri***;

Or. en

28.6.2017

A8-0234/23

Emenda 23

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Nikolaos Chountis, Jiří Maštálka, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

Kati Piri

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

A8-0234/2017

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

27a. Jesprimi t-tħassib tiegħu li għal dawn l-aħħar sentejn, il-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Turkija, ma kienx qiegħed jiffunzjona bi qbil marregoli ta' proċedura tiegħu, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-membri Torok tal-bureau;

Or. en

Emenda 24

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Nikolaos Chountis, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**Kati Piri**

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

A8-0234/2017

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

26. Jikkundanna bil-qawwa kollha l-attakki terroristiċi kollha mwettqa fit-Turkija, u jappoġġja bis-sħiħ il-popolazzjoni tat-Turkija fil-ġlieda komuni tagħna kontra t-terroriżmu; jilqa' r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u t-Turkija fil-qasam tal-kooperazzjoni kontra t-terroriżmu fir-rigward tal-"ġellieda barranin"; jemmen li l-kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-Europol u l-aġenziji Torok tal-infurzar tal-liġi hi essenzjali biex it-terroriżmu jiġi miġġieled b'mod effikaċi; ***itenni l-kundanna tiegħu tar-ritorn tal-vjolenza min-naħa tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK), li ilu fuq il-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi mill-2002, u jhegġegħ lill-partit biex iċedi l-armi u juża mezzi paċifiċi u legali biex ileħħen l-aspettativi tiegħu;*** jenfasizza li soluzzjoni paċifika għall-kwistjoni tal-Kurdi hija meħtieġa wkoll għall-ġejjieni demokratiku tat-Turkija, u se tintlaħaq biss bl-involviment tal-partijiet u l-forzi demokratiċi kollha kkonċernati; jitlob li jerġgħu jinbdew negozjati bl-għan li tinkiseb soluzzjoni komprensiva u

Emenda

26. Jikkundanna bil-qawwa kollha l-attakki terroristiċi kollha mwettqa fit-Turkija, u jappoġġja bis-sħiħ il-popolazzjoni tat-Turkija fil-ġlieda komuni tagħna kontra t-terroriżmu; jilqa' r-relazzjonijiet bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u t-Turkija fil-qasam tal-kooperazzjoni kontra t-terroriżmu fir-rigward tal-"ġellieda barranin"; jemmen li l-kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn il-Europol u l-aġenziji Torok tal-infurzar tal-liġi hi essenzjali biex it-terroriżmu jiġi miġġieled b'mod effikaċi; ***jikkundanna kull forma ta' vjolenza*** u jenfasizza li soluzzjoni paċifika għall-kwistjoni tal-Kurdi hija meħtieġa wkoll għall-ġejjieni demokratiku tat-Turkija, u se tintlaħaq biss bl-involviment tal-partijiet u l-forzi demokratiċi kollha kkonċernati; jitlob li jerġgħu jinbdew negozjati bl-għan li tinkiseb soluzzjoni komprensiva u sostenibbli għall-kwistjoni tal-Kurdi;

sostenibbli għall-kwistjoni tal-Kurdi;
*jistieden lill-Istati Membri jinforzaw il-
leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-użu ta' sinjali
u simboli ta' organizzazzjonijiet li jinsabu
fuq il-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet
terroristiċi;*

Or. en

Emenda 25

Takis Hadjigeorgiou, Neoklis Sylikiotis, Marie-Christine Vergiat, Sofia Sakorafa, Rina Ronja Kari, Kateřina Konečná, Dimitrios Papadimoulis, Kostadinka Kuneva, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Josu Juaristi Abaunz, Nikolaos Chountis, Miguel Urbán Crespo, Lola Sánchez Caldentey, Estefanía Torres Martínez, Xabier Benito Ziluaga, Tania González Peñas, Sabine Lösing
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**Kati Piri**

Ir-Rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

A8-0234/2017

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

33. Itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex tibda tirtira t-truppi tagħha minn Ċipru, tittrasferixxi ż-żona magħluqa ta' Famagusta lin-NU, skont ir-Riżoluzzjoni 550 (tal-1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u biex ma tiħux azzjonijiet li jibdlu l-bilanċ demografiku fuq il-gżira permezz tal-politika tagħha ta' insedjamenti illegali; jinnota l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fl-istat kostitwenti Tork Ċiprijott futur mad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' soluzzjoni trid diġà tkun ġiet ippreparata tajjeb; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, il-kontinwazzjoni *mhux interrotta* tal-ħidma tal-kumitat bikomunali ad hoc dwar il-preparazzjoni tal-UE; *jimpenja ruħu li jżid l-isforzi tiegħu ta' involviment mal-komunità Ċiprijotta Torka fit-tħejija tagħha għal integrazzjoni sħiħa fl-UE, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istess*; ifaħħar il-ħidma importanti tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa (CMP, li jittratta persuni nieqsa Ċiprijotti Torok kif ukoll Ċiprijotti Griegi), u jfaħħar il-fatt li ngħata aċċess aħjar għas-siti rilevanti, inklużi ż-żoni militari; jistieden lit-Turkija tgħin lis-CMP billi tipprovdi informazzjoni

Emenda

33. Itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex tibda tirtira t-truppi tagħha minn Ċipru, tittrasferixxi ż-żona magħluqa ta' Famagusta lin-NU, skont ir-Riżoluzzjoni 550 (tal-1984) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u biex ma tiħux azzjonijiet li jibdlu l-bilanċ demografiku fuq il-gżira permezz tal-politika tagħha ta' insedjamenti illegali; jinnota l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fl-istat kostitwenti Tork Ċiprijott futur mad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' soluzzjoni trid diġà tkun ġiet ippreparata tajjeb; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, il-kontinwazzjoni tal-ħidma tal-kumitat bikomunali ad hoc dwar il-preparazzjoni tal-UE; ifaħħar il-ħidma importanti tal-Kumitat għal Persuni Nieqsa (CMP, li jittratta persuni nieqsa Ċiprijotti Torok kif ukoll Ċiprijotti Griegi), u jfaħħar il-fatt li ngħata aċċess aħjar għas-siti rilevanti, inklużi ż-żoni militari; jistieden lit-Turkija tgħin lis-CMP billi tipprovdi informazzjoni mill-arkivji militari tagħha; jappella biex tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-ħidma mwettqa mis-CMP, u jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħatra ta' Rapporteur Permanenti tal-Parlament Ewropew dwar persuni

mill-arkivji militari tagħha; jappella biex tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-ħidma mwettqa mis-CMP, u jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħatra ta' Rapporteur Permanenti tal-Parlament Ewropew dwar persuni

nieqsa;

Or. en